

**Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

**Rikors ippreżentat fis-7 ta' Lulju 2020 – Deutsche Kreditbank vs SRB****(Kawża T-419/20)**

(2020/C 279/69)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż***Partijiet**

*Rikorrenti:* Deutsche Kreditbank AG (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentanti: H. Berger u K. Helle, avukati)

*Konvenut:* Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB)

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni tal-15 ta' April 2020 dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* dovuti għas-sena 2020 lill-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB/ES/2020/24), inklużi l-annessi tagħha, sa fejn id-deċiżjoni kkontestata, inklużi l-Anness I u l-Anness II tagħha, jikkonċernaw il-kontribuzzjoni dovuta mir-rikorrenti;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Ir-rikors huwa bbażat fuq disa' motivi li huma essenzjalment identiċi jew simili għall-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', is-seba', it-tmien, id-disa', l-għaxar u l-ħdax-il motiv invokati fil-Kawża T-405/20, DZ Hyp vs SRB.

---

**Rikors ippreżentat fit-8 ta' Lulju 2020 – Portigon vs SRB****(Kawża T-424/20)**

(2020/C 279/70)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż***Partijiet**

*Rikorrenti:* Portigon AG (Düsseldorf, il-Ġermanja) (rappreżentanti: D. Bliesener, V. Jungkind u F. Geber, avukati)

*Konvenut:* Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB)

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-konvenut tal-15 ta' April 2020 dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-2020 għall-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB/ESF/2020/24), sa fejn tikkonċerna lir-rikorrenti;